22 ta' Jannar, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Cassar Parnis ne. *versus* Antonio Montebello ne.

**Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Legat Imħolli mill-Kjeriku Gio Gregorio Zarb.**

*In-natura tal-Legat imħolli mill-Kjeriku Gio Gregorio Zarb, in kwanta huwa legat ta' żwieġ, u mhux legat 'a causa pia', l-Awtorità tal-Knisja ma għandhiex jedd fuqu, avvolja l-għażla* ***taż-żebbiet*** *għall-konsegwiment ta' dan il-legat tinsab f'idejn* ***id-Deputazzjoni*** *tal-Legati taż-Żwieġ.*

*Dak il-legat fl-istess ħin huwa legat pju in kwantu* ***jikkontjeni legat*** *kondizzjonat ta' quddies. Għalhekk l-Awtorità* ***tal-Knisja għandha*** *d-dritt tivverifika jekk tkunx osservata* ***l-kondizzjoni jew le,*** *jiġifieri jekk tkunx saret l-għażla ta' żebba għall-konsegwiment tal-*

*legat, imma mill-ssiħ li xi l-għażla saret, interess ukoll fid-dal il-legat l-Awtorità tal-Knisja ma għandhiex.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuti jinsabu, kwantu għal nofs indiviż Antonio Camilleri u Antonio Montebello fil-kwalità tiegħu ta' tutur ta' Cristina Camilleri, u kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor Marianna Scerri u Giovanna Micallef, fil-pussess ta' l-utili dominju tal-klawsura "ta' San Ġiljan" fil-kuntrada ta' Ħal Luqa, tal-kejl superfiċjali ta' sitt itmien u siegħ, li tmiss min-naħa tat-tramuntana mat-triq publika "Triq il-Karmnu", min-naħa ta' nofsinhar ma' beni ta' Manduca, min-naħa tal-punent ma' beni ta' Angelo Fiott, u min-naħa tal-lvant ma' beni ta' Strickland; liema għalqa kienet ġiet konċessa minn Monsinjur Andrea Formosa fil-kwalità tiegħu ta' eredi universali "per intermedias personas" u eżekutur testamentarju tal-Kjeriku Gio Gregorio Zarb u amministratur tal-legati fondati mill-istess Kjeriku Zarb skond testment fl-atti tan-Nutar Gio Domenico Gatt tal-25 ta' Novembru 1701, in enfitewsi għal tliet ġenerazzjonijiet ta' Giuseppe Psaila bis-saħħa ta' att publikat min-Nutar Gio Francesco Farrugia fil-25 ta' Ġunju 1747; u li mhux biss għaddew il-150 sena mill-konċessjoni enfitewtika fuq imsemmija magħmula a favur ta' l-awturi tal-konvenuti, imma anki effettivament ġew eżawriti l-imsemmijin tliet ġenerazzjonijiet, u kwindi l-konvenuti qegħdin jiddetjenu l-utili dominju tal-fuq imsemmija klawsura mingħajr titolu; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konċessjoni enfitewtika fuq imsemmija spiċċat, u li tiġi kwindi operata d-devoluzzjoni ta' l-istess għalqa bil-miljoramenti kollha li jinsabu fiha, liberi minn kwalunkwe piż, servitù jew ipoteka, a favur tiegħu fil-kwalità fuq indikata; u talab ukoll li jiġi fissat żmien qasir u perentorju li fih il-konvenuti jkollhom jiżgumbraw mill-imsemmija għalqa u miljoramenti fiha. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 1945;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur;

Illi l-imsemmi Kjeriku Gio Gregorio Zarb fit-testment tiegħu fuq indikat, wara li ħalla xi legati, ħalla b'werrieta uni-

versali tiegħu fuq il-kumplament ta' ġidu lil Lorenzo Formosa u Pawlu Formosa f'ishma ndaqs, iżda bil-kondizzjoni li dawk il-werrieta, kif ukoll is-suċċessuri tagħhom in perpetwu, ikunu obligati li japplikaw ir-renti ta' dak il-ġid ereditarju kollu għall-kollokament ta' tfajla fiż-żwieġ, li għandu jiġi ċelebrat quddiem l-altar tas-Santissima Kunċizzjoni ta' l-Imqaddsa Maria Verġni li jinsab fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq; u żied qal li "in electionibus dictarum puellarum servari debeat qualitas paupertatis et majoratus, relinquenda omnia super conscientiam dictorum haeredum eorumque successorum in perpetuum; ita quod illa puella quae fuerit electa per dictos haeredes eorumque successores consequi debeat dictum legatum maritagii anni unius, etiam si non habuerit dictas duas qualitates paupertatis et majoratus, dummodoque fuerit electa ex dictis discendentibus" (dok. B fil-proċess "Mons. Can. Cap. Prof. Emm. Galea vs. Pietro Paolo Cassar", definit minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1938). L-istess testatur ħalla li fil-każ li f'xi sena ma jkunx hemm l-ebda tfajla li tkun tiġi la mid-dixxendenti ta' qrabatu min-naħa ta' l-omm, u lanqas mid-dixxendenti ta' qrabatu min-naħa ta' missieru, allura l-qbejjel u kull ma jirrendi f'dik is-sena dak il-ġid tal-wirt għandhom jiġu applikati fiċ-ċelebrazzjoni ta' quddies baxx f'dik il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq, wara li jiġu dedotti ċerti spejjeż minnu speċifikati;

Illi ma hemmx kwistjoni illi l-attur huwa l-amministratur ta' dan il-legat bħala werriet universali u eżekutur testamentarju "per intermedias personas" ta' l-imsemmi Kjeriku Gio Gregorio Zarb, kif kienu l-predeċessuri tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi n-natura ta' dan il-legat ġa ġiet drabijiet oħra eżaminata minn din il-Qorti fil-kawża fuq imsemmija u mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawżi "Nuzzo vs. Caruana" (14. 12. 1877) u "Gauci vs. Nuzzo" (25 ta' Mejju 1883). Fis-sentenza mogħtija fl-imsemmija kawża "Nuzzo vs. Caruana" l-Qorti ta' l-Appell qalet :— "Che la disposizione contenuta nel detto testamento, in quanto al legato di maritaggio ivi ordinato a favore dei discendenti delle persone ivi nominate non è a causa pia, quantunque il testatore abbia dato la preferenza alle zitelle povere; che è di regola che le disposizioni a

favore dei consanguinei, quantunque poveri, non sono a causa pia, ma profana. Tali disposizioni non si presumono fatte a causa della povertà dei parenti, ma dell'affezione verso il sangue (vedasi, tra gli altri, Menochio, "*De Praesumptionibus*", Lib. 4, p. 115 n 9); che nella specie, nel detto testamento vi sono delle espressioni sufficienti a fare vedere che il detto testatore nel fare la disposizione aveva principalmente in vista la *discendenza*, *e non già la povertà dei discendenti*; *che in conseguenza* è estraneo al caso l'Editto del Diocesano a cui fa riferenza la sentenza da cui è appello". Fis-sentenza mbagħad ta' din il-*Qorti li biha ġiet definita* l-kawża fuq indikata, dina l-Qorti qalet :— "Tinżel ċara l-konsegwenza li in kwantu l-legat taż-żwieġ imħolli lill-qraba tat-testatur l-Awtorità tal-Knisja ma għandhiex jedd fuqu, għax mhux legat piju. Il fatt li preżentement il-għażla għat-teħid tal-legat tinsab f'idejn id-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ ma jbiddelx la n-natura u lanqas l-effetti ta' dak il-legat quddiem il-Knisja, għax id-dritt *tal-għażla li ġie mħolli* mit testatur lill-werrieta u suċċessuri tiegħu ġie fdat lid-Deputazzjoni volontarjament mill-imħarrek (il-predeċessur ta' l-attur f'din il-kawża), b'riżerva tad-drittijiet kollha tiegħu u tas-suċċessuri tiegħu u mingħajr ebda preġudizzju ta' xejn (dok. *C* fl-imsemmija kawża). *U tabilħaqq*, bis-saħħa tal-Proklama tas-7 ta' Settembru 1831 ġiet fdata lid-Deputazzjoni l-għażla għat-teħid biss ta' dawk il-legati taż-żwieġ li sa dak in-nhar kienu taħt l-esklużiva amministrazzjoni *ta' l-Isqof ta' Malta*, u mhux dawk ukoll li kienu amministrati unikament minn nies imħollijin mill-fundaturi";

Illi l-istess sentenza qalet illi lanqas ma jista' jingħad għal issa illi l-*Awtorità tal-Knisja għandha jedd* fuq il-legat billi jikkomprendi legat kondizzjonat ta' quddies, u bħala tali huwa legat piju; għax piji huma l-legati mħollijin għall-iskop spiritwali; u dana għaliex jirriżulta li sa dak in-nhar il-kondizzjoni li biha l-legat jikkonverti ruħu f'legat ta' quddies ma vverifikat ruħha qatt, billi dejjem saret il-għażla ta' xi ħadd għat-teħid tal-legat taż-żwieġ; u għalhekk kien għad ma kien qatt il-każ li jsiru l-quddies bis-saħħa u in konsegwenza ta' dak il-legat. Dina l kondizzjoni għadha ma vverifikat ruħha qatt lanqas sal-lum, għaliex jirriżulta li sal-lum dejjem saret il-għażla ta' xi ħadd għat-teħid ta' l-imsemmi legat taż-żwieġ, u kwin-

ta' l-Awtorità tal-Knisja fil-legat, kif jingħad fl-istess sentenza, għaliex għandha biss interess inċert u eventwali, jiġifieri xejn aktar ma għandha mil-legat ħlief tama, u in vista ta' dik it-tama ma għandhiex dritt ħlief li tivverifika jekk ġratx jew le dik il-kondizzjoni li tista' twettaq it-tama li tagħtiha dritt għal-legat; jiġifieri għandha d-dritt tara jekk saretx il-għażla tat-tfajla għal legat taż-żwieġ; u meta ssib li l-għażla saret, interess ieħor ma jistax ikollha;

Illi għalhekk ma tistax tiġi sostnuta l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-għalqa in kwistjoni, li tifforma parti mill-imsemmi legat hija "fondo della Chiesa"; u ċertament ma jistax jiġi milqugħ bħala prova li hija tali l-fatt li għall-konċessjoni enfitewtika tagħha fuq imsemmija ġiet ottenuta l-approvazzjoni ta' l-Awtorità tal-Knisja, li ma kienetx ċertament meħtieġa;

Tikkunsidra;

Illi għall-istess raġunijiet fuq indikati, lanqas ma tista' tiġi milqugħa l-pretensjoni tal-konvenuti li l-attur imissu ottjena l-approvazzjoni ta' l-Awtorità tal-Knisja biex ikun amministratur tal-legat; u lanqas il-pretensjoni li kellu jiġi konfermat mill-Qorti kompetenti bħala eżekutur ta' l-imsemmi Kjeriku Zarb. Dina l-aħħar kwistjoni ġiet ukoll eżaminata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Nuzzo vs. Caruana", u minn din il-Qorti fil-kawża "Mons. Can. Cap. Prof. Emm. Galea vs. Pietro Paolo Cassar". Dina l-Qorti qalet illi tant id-dispożizzjoni XXXIV ta' l-I Kap tar-IV Ktieb tal-Kod. De Rohan, kemm l-artikolu 465 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, "jirrigwardaw eżekuturi li għandhom bżonn il-preventiva konferma ta' l-Awtorità Ġudizzjarja, fil-waqt li fil-każ preżenti, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza ġà msemmija in re "Nuzzo vs. Caruana" ta' l-14 ta' Diċembru 1877, dik il-konferma preventiva ma hemmx bżonnha;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Tikkunsidra fil-meritu;

Illi, kif jirriżulta mill-verbal tal-lum, ma hemmx oppożizzjoni għat-talbiet ta' l-attur;

Għaldaqstant tiddeċidi għat-tenur ta' l-istess talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż tassabbli bħal fil-każijiet ta' ammissjoni; u

għall-finijiet ta' l-iżgumbrament tal-għalqa ipprefiġġi żmien ta' xahar mil-lum.